**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**ONOR. MAGISTRAT**

**DR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**Gurament deciżorju – preskrizzjonijiet qosra, karatteristici ta'**

**-emendi għall-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, effetti ta'**

**-kont tad-dawl u l-ilma, preskrizzjoni ta' hames snin**

Illum, 17 ta' Jannar 2018.

Rikors Numru 93/2017 GM

Fl-atti tal-ittra ufficcjali numru 437/17 intavolata a tenur tal-artikolu 466 tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:

Automated Revenue Management Limited f'isimha proprju u ghan-nom tal-korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma

vs

Topcar Limited

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Topcar Limited a tenur tal-Artikolu 466(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz tieghu qed tikkontesta t-talba ghall-hlas mis-socjeta` rikorrenti ghas-somma ta' €1,145.40 bilanc dovut ghall-kera ta' meter bl-account bin-numru 101000044254 ossia dwar il-fond bl-indirizz Entrance from 4, Triq Valletta, Luqa u ghall-konsum ta' ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees konnessi mal-istess meter, flimkien mal-imghax dovut maghmula a tenur tal-istess Artikolu permezz ta' ittra ufficjali ppreżentata fit-23 ta' Frar 2017 (fol 2 tal-process) billi:

1. it-talba attrici ghandha tigi michuda stante li hija preskritta skond il-ligi a tenur inter alia tal-artikoli 2148(f) u 2156(f) tal-kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont mitlub mill-korporazzjoni attrici m'huwiex dovut mis-socjeta esponenti, kif ser jigi pprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. illi wkoll minghajr pregudizzju, trid issir il-prova tal-ammont attwalment dovut lill-attrici.

Rat ir-risposta tal-Automated Revenue Management Limited li permezz taghha, eccepiet li l-kreditu minnha pretiz kien relatat mal-account numru 101000044254 registrat f'isem Top Car Limited u ghalhekk hija kienet responsabbli ghall-hlas;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta mid-depozizzjoni ta' Sergio Camilleri li nghatat fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2017 (fol 26) quddiem din il-Qorti illi l-kont in kwistjoni kien f'ismu izda li fit-8 ta' Novembru 1996 huwa applika ghat-transfer tieghu ghal fuq certu David Formosa, li accetta, kif jirrizulta minn Dokument SC1 esibit minnu u li ddikjara li hu kopja tal-original fil-pussess tal-Automated Revenue Management Limited. Fuq dan id-dokument izda ma hemmx prezenti il-provditur tas-servizz li mieghu sar il-kuntratt minn Top Car Limited. Kwindi l-ftehim ta' traferiment bejn Top Car Limited u David Formosa ma jiswiex, ghaliex huwa *res inter alios acta*;

Illi fl-ordni logiku-guridiku din il-Qorti sejra tibda biex titratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-istess Top Car Limited a tenur tal-Artikoli 2148(f) u 2156(f) tal-Kodici Civili li huma zewg perjodu preskrittivi hekk imsejjha 'brevi':

***Raison d'etre ghall-preskrizzjonijiet qosra***

Illi stabbilit li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin, imiss issa li jigi stabbilit jekk il-konvenut irnexxilux jipprova din il-preskrizzjoni favur tieghu. Kif inhu sewwa magħruf, din il-preskrizzjoni hija wahda mill-preskrizzjonijiet qosra kkontemplati mill-Kodici Civili taghna, introdotta fit-test originali tal-istess Kodici frott tal-Ordinanza VII tal-1868, li kien jistipula li l-preskrizzjonijiet qosra specifikament imsemmija f'dak li llum huwa enumerat bhala l-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili "m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepputhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrx li m'humiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imħallsa".

Iż-żminijiet preskrizzjonali fl-artikoli msemmijin fl-Artikolu 2160 imsemmi (bejn tmintax-il xahar u hames snin, ghajr ghal certi krediti dovuti lill-Gvern) huma iqsar minn preskrizzjonijiet ohrajn (ta' ghaxar, tletin u erbghin sena) biex jikkorrispondu ghall-valutazzjoni normattiva insindakabbli li skontha huwa biżżejjed żmien iqsar ta' inerzja biex jiggustifika **l-preżunt diżinteress tat-titolari**. Hemm raguni ohra ukoll: il-prevenzjoni ta' "**diżordni fis-socjeta**`, u ghaliex wara certu żmien id-debitur jista' jitlef dawk il-provi li seta' jgib fiż-żmien ta' qabel. "[1] Fil-fatt it-termini qosra jikkorrispondu ghal rapporti li s-soltu jeżawrixxu ruħhom malajr; huma dwar hlasijiet li s-soltu jsiru fil-pront jew l-iktar l-iktar fi żmien qasir. Allura fil-ligi taghna hemm

[1] Antonio Borg v Giusepp Lautier 26.05.1939 Vol XXX.ii.250

preżunzjoni tal-pagament kif ukoll il-preżunzjoni tal-ineżistenza tad-dejn indipendentement mill-hlas. L-unika prova li jista' jgib il-kreditur hija l-ammissjoni tad-debitur permezz tal-gurament lilu deferit.

Skont parti tad-dottrina Taljana, il-preskrizzjoni preżuntiva hija barranija ghall-figura tal-preskrizzjoni ghaliex m'hijiex mod ta' estinzjoni tal-kreditu imma semplici preżunzjoni legali tal-pagament. Mhux biżżejjed il-moghdija taż-żmien bhall-preskrizzjonijiet estintivi itwal. Il-ligi trid xi haga oltre: il-konferma bil-gurament li l-kreditu mhux dovut. B'danakollu fil-Kodici Civili hija meqjusa flimkien mal-preskrizzjoni estintiva billi hija wkoll ibbażata fuq l-inerzja tal-kreditur u ggib l-estinzjoni tal-kreditu, anke jekk b'mod preżuntiv biss. Ghalhekk hija assoggettata ghad-disposizzjonijiet generali tal-preskrizzjoni. Bhall-kodici Taljan tal-1865 (fl-artikolu 2138 tiegħu), il-Kodici taghna ma jiddistingwix bejn il-preskrizzjonijiet preżuntivi u preskrizzjonijiet oħhajn, u lanqas isejjhilhom "preżuntivi" kif jaghmlu l-kittieba tal-ligi. Dan it-tip ta' preskrizzjoni kien ikkontemplat fil-Kodici Civili Franciż, li permezz tal-Pothier ġabhom mid-dritt konswetudinarju, li kien gharaf il-htieġa li jaghti effett estintiv iktar sikur minn dawk tal-preskrizzjonijiet ordinarji, li kienu imxekkla mill-operativita` taghhom bir-rekwiżit tal-bona fede rikjest mid-dritt kanoniku.

***Karatteristiċi tal-ġurament deċiżorju***

Illi **n-natura deciżorja ta' dan il-ġgrament** ġew maġistralment trattati – sahansitra anke f'kuntest ta' dritt komparattiv - f'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***Theresa Dimech v Don Antonio Mallia*** (04.11.1873, Kollez. Vol. VI.649, per Imhallef Dr. Filippo Pullicino) ippronunzjata hames snin biss wara l-promulgazzjoni tal-imsemmija Ordinanza u li timmerita li tiġi riprodotta silta estensiva minnha ghall-ahjar intendiment tal-prattikanti forensi tallum li qeghdin fis-seklu wieħed u għoxrin; eżattament meta jmissna qeghdin niccelebraw l-gheluq snin ta' seklu u nofs mit-twelid tal-Ordinanza:

Che il convenuto, dando la eccezione della prescrizione, ha fatto perimere l'azione intentata – e quindi all'attrice **non e' rimasto altro rimedio legale, che quello di deferire al convenuto il giuramento decisorio** nei termini stabbiliti dall'articolo 1924 della citata Ordinanza No. VII del 1868;

Che… il detto giuramento … deve essere uniforme a cio` che dispone il citato articolo 1924, che corrisponde a cio` che stabiliva l'antica giurisprudenza (vedi Pothier, delle obbligazioni, No. 719 e le annotazioni al para 4 del Libro II Capo V del Dritto Municipale) – e non gia` ai termini sanzionati dal Codice Civile Francese all'articolo 2275, che il nostro legislatore non ha creduto proprio di adottare, come neanche li ha adottati il Codice Civile del Regno d'Italia;

Considerando,

Che giusta gli insegnamenti dei migliori interpreti del citato articolo 2275 del Codice Francese, il convenuto, che ha allegato in eccezione perentoria della prescrizione, **non puo` essere interrogato sopra fatti, articoli e circostanze in elusione al principio che non permette di combattere altrimenti la prescrizione, che col giuramento decisorio** (Tropolong, della prescrizione, No 995 – Zaccaria, Corso di Dritto Civile, nota 44 ai para 859);

Che l'unica prova, che il creditore potrebbe essere ammesso a fare dopo eccepita la prescrizione, riguarderebbe la interruzione della prescrizione stessa, come sostiene il

Pothier, Codice citato al No 723; per la ragione, come egli allega, *Che quantunque l'azione che nasce dal contratto sia gia` prescritta, tuttavia quella che nasce dalla promessa, che e` stata fatta, di pagare, ove sia provata, e` una nuova azione, la quale non e` certamente prescritta*;

Considerando,

Che il citato articolo 1924 della nostra Ordinanza, avendo rifiutato la locuzione dell'articolo 2275 del Codice Civile Francese, secondo la quale al convenuto eccipiente la prescrizione si puo` deferire il giuramento *sulla questione di sapere se la cosa e` stata realmente pagata,* ed avendo adottato invece le altre espressioni, secondo le quali l'eccipiente deve *dichiarare di non essere debitore o di non ricordarsi se la cosa sia pagata,* **e cio` conforme al dettato dell'antica giurisprudenza**, **ha inteso evidentemente di non esigere altra dichiarazione dal convenuto, se non quella di aver estinto in qualunque modo la sua obbligazione, e non gia` di aver realmente pagato mediante lo sborso effettivo del denaro, che e` uno soltanto dei modi con cui si cessa di essere debitore;**

Che pertanto nella delazione del giuramento **non puo` essere permessa alcuna indagine od alcuna discussione circa il modo col quale il debito e` stato estinto, o sulle circostanze che accompagnano siffatta estinzione;** perche` tali indagini nulla aggiungono allo scopo del giuramento, perche` non servono che appagare un desiderio del creditore, che la legge non dice che si abbia a soddisfare;

Considerando;

Che i tribunali italiani applicando sia la disposizione del Codice Albertino, conforme a quella del Codice Francese, sia quello del nuove Codice del Regno, conformi all'art. 1924 della nostra Ordinanza, hanno costantemente deciso che la formola del giuramento decisorio e` inalterabile; perche` come si esprime coi suoi dotti motivi la Decisione della Corte di Appello di Torino del 13 gennaro 1871, riportata nella Collezione del Bettini Vol. 23, pag 9 e 10, il Legislatore segnando codesta breviloqua formola al giuramento in discorso, ben dimostro` come a piena liberazione del convenuto **basta che egli asseveri di aver soddisfatto il suo debito, senza che sia duopo che da lui si abbiano ad indicare i fatti e le ragioni su cui fonda la sua asseverazione**;

Considerando;

Che i capitoli presentati dall'attrice nella seduta del 23 ottobre 1873 non sono diretti a stabilire l'unico fatto, per cui la delazione del giuramento e` permessa in conformita`all'articolo 1921 della citata Ordinanza No VII del 1868 – e sono percio` inammissibili;

Decreta

Per il rigetto dei detti capitoli dell'attrice…

Illi **l-formola tal-gurament deċċiżorju**, kif tinstab redatta fil-Kodici Civili taghna, u d-differenzi bejnha u l-Kodici Taljan tal-1865, ġiet spjegata b'dettall kbir mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza ***Luigi Pace Bonello v Elvira Bugeja Caruana***, kollegjalment komposta, u ppreseduta minn Sir Adriano Dingli, li kien ukoll effettivament il-leġislatur li abbozza l-istess Kodici; u ghalhekk għandna x-xorti ta' tip ta'

interpetazzjoni "awtentika" tal-ligi, b'sitwazzjoni rarissima jekk mhux ukoll unika ta' leġislatur li sussegwentement isir ġudikant u jitfa dawn fuq liġi redatta minnu stess:

Che la sentenza diprima istanta, appoggiata sulla prescrizione biennale stabilita nel terzo inciso dell'Art 1913 delle Ord. VII. del 1868, era impugnata sul motive che la convenuta, avendo negate di avere dato al procuratore legale Francesco Felice alcun mandato di prestarle la sua assistenza profesionale, e cosi negate assolutamente la sua obbligazione, non poteva eccepire quella prescrizione, la quale, avendo per base la presunzione del pagamento, suppone ammessa l'obbligazione, ed allegata soltanto 'l estinzione della medesina;

Che quel motive e conforme all'opinione di insigni giureconsulti, le conclusion dei quail, sotto l'antica giurisprudenza, come ancora dopo la promugazione delle Ordinanze ora vignti, in casi da queste isole – (costantini – ad statute-Annot. 48 n.95, ed altri ivi citati); ed e conforme ancora a una recente decisione di un supremo tribunal di un paese estero, governato da leggi civili simili, in gran parte, alle leggi attuali di queste isole (Corte di Cassazione di Torino,decisione del 24 agosto 1882, riportata nella collezione Bettini, vol.356. col.65 e 66); ma e' da vedere se fra le leggi estere cosi interpretate, e quelle di Malta, vi sia sul soggetto qualche differenza importante conseguenze diverse;

"Che l'Art. 2142 del Codice Italiano, promulgato nel 1865, e cosi concepito: "Nondimeno, quelli cui fossero opposte tali prescrizioni, possono deferire il giuramento a coloro che le oppongono, per accertare se realment ha avuto luogo "la estinzione del debito. Il giuramento puo essere deferita alla vedova, so questa vi ha interesse, ed agli eredi, ovvero ai tutori di questi ultimo se sono minori, per accertare se abbiano notizia che il debito non sia estinto". Quest'articolo evidentmente suppone la esistenza, in qualche tempo, di una obbligazione, ossia una obbligazione non negate; poiche non puo essere estinzione di una obbligazione che non abbia mai esistito. E la intenzione del legislatore italiano di non dedurre dal tempo se non una presunzione di estinzione di una obbligazione affermata o non contradetta, diviene, se e possible, piu manifesta al confront delle parole di quell'articolo del Codice Italiano coll'articolo 2404 del Codice Sardo abolito. L'articolo 2142 del primo e una copia esatta del second fino alle parole se sono minori; ma poi il Codice ardo continuava "affinche' dichiarino se sappiano o no che la cosa sia dovuta e l' Italiano, correngendo quella espressione, ci sostitui "per accettare se abbiano notizia che il debito non sia estinto" – correzione la quale sembra non avere avuto altro scopo se non quello di prevenire qualunque dubbio che, dalle parole del Sardo, avesse potuto nascere, che, nel caso della vedova, degli eredi, o dei tutori, la prescrizi un potesse essere opposta anche dopo di essere stato negate il debito;

Che il Diritto Municipale di Malta (Codice de Rohan) Lib. II. Capo V, 3, 4,5,6 e 7, stabilendo prescrizione di cinque anni, in vivenza del debitore, e di un anno, dopo lasua morte, non spiegava il suo effetto la lasciava cosi sotto lo impero dell'antica giurisprudenza, che la considerava come avente forza soltanto di ndurre una presunzione di pagamento, o di estinzione di una obbligazione certa;

"Che le leggi di Procedura Civile, come furono publicate nell'anno 1855 disponevano che la prescrizione pei crediti contemplate nel 3 al 12 del Diritto Municipale (Codice de Rohan) non doveva avere effetto se non quando il convenuto ricusasse di affermare, con giuramento, di non sapere piu debitore, o, essendo erede del debitore, o da lui avete causa, di non sapere che la cosa fosse piu dovuta; e questa disposizione, colla parola piu, evidentemente supponeva ammessa la esistenza della obbligazione in

qualche tempo, u inportava la inammissibilita' dell'eccezione mare la estinzione del debito, e nel second, di non avere notizia che il debito non sia estinto; in amendue I casi, la questione e di estinzione di una obbligazione certa, La Ordinanza Maltese, pero, promulgate nel 1863 cioe due anni prima del Codice Italiano, intro lusse, come si e veduto, due formole per q2uei due casi, u la distinzione e stata mantenuta nella legge attuale fatta tre anni dopo quell Codice;

Che in questa Ordinanza, come nella precede4nte la formola del giuramento da essere deferito al preteso debitore, u quella di non essere debitore o di non ricordarsi se la cosa sia stata pagata. La prima parte comprende tanto la mancanza assoluta, quanto la estinzione della obbligazione, e mette in questione soltanto la sua estinzione. Di quell significato della rpima non si puo dubitate; perche e il significare soltanto mancanza di debito per estinzione di una obbliaizone ammessa; quasi che la prima parte di quella formola fosse per un debitore sicuro di avere pagato, e la seconda, per un il quale non ne avesse una chiara ricordanza, questa intenzi9one sarebbe stata espresso colle parole che hanno direttamente e naturalmente quell significato, esiggendo che il convenuto giurasse di avere pagato, o di non ricordarsi di non avere pagato;

Illi d-differenza bejn l-Artikolu 2160 u l-Kodici Francis u Taljan (tas-seklu dsatax) baqghu jigu kkonfermati fil-ġurisprudenza sussegwenti ghal ***Dimech v Mallia***:

Fil-kumment tieghu fid-decizjonijiet fl-ismijiet "d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 2265 (illum 2160) tal-Kodici Civili taghna hija dissimili mid-disposizzjoni analoga tal-Kodici Civili Taljan. Ghal dak il-Kodici, di fatti, il- gurament deferit lid-debitur li jopponi dawn il- preskrizzjonijiet brevi, huwa intiz biex jigi accertat jekk realment kienx hemm l-estinzjoni tad-debitu; mentri skond il-Kodici Civili taghna l-formula tal-gurament li jigi deferit lill-pretiz debitur hija dik li mhux debitur, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. L-ewwel parti tikkomprendi tant il- mankanza, ghal kull raguni, kemm l-estinzjoni ta' l-obbligazzjoni bil-hlas; it-tieni parti tissupponi l-obbligazzjoni u tpoggi fi kwestjoni l-estinzjoni taghha. Ghalhekk filwaqt li ghall-Kodici Taljan dawn il- preskrizzjonijiet brevi huma bazati fuq il-prezunzjoni tal-pagament tad-debitur, skond il-Kodici taghna dawn l-istess preskrizzjonijiet jistghu jigu eccepiti anki mal-kontestazzjoni tad-debitu". [2]

Illi **n-natura deciżorja tal-gurament** ex l-imsemmi Art. 2160 kif stabbilita fis-succitata ***Dimech v Mallia*** baqghet tigi kkonfermata b'mod kostanti mill-gurisprudenza taghna:

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra tikkwota minn sentenza moghtija mill-istess Qorti diversament preseduta, fejn inghad:

- "Il-guramento decisorio, trattat fil-Ligi nostrali taht l- Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, igorr mieghu konsegwenzi legali ben specifici fl-eventwalità li r-risposta tad-debitur ghad-domanda posta mill-kreditur ai termini ta' l-imsemmi artikolu tal-Ligi tkun li ma huwiex fil-fatt debitur tieghu jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa. In effetti f'tali cirkostanza l-Qorti tkun kostretta tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u konsegwentement tichad it-talba tal- kreditur ghall-hlas.

Din l-osservazzjoni ssib konferma f'diversi sentenzi pronuncjati mill-Qrati nostrali fosthom fis-sentenza fl- ismijiet Zammit & Cachia Trading Co. Ltd. et vs Francis

---

[2] Avv. Dr. Filippo Buttigieg vs Domenico Azzopardi Qorti Civili, Prim'Awla, 11 ta' Dicembru, 1947, l-Onor. Imhallef Tancred Gouder jenuncja li

Mizzi, Appell Civili Nru. 1440/04 deciza mill- Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005, fejn gie osservat illi l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "l-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, meta jinghata lilhom il-gurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa".[3]

Doit etre cassee la decision qui ecarte la prescription biennale de l'article 2272 en declarant que la preuve du non-paiement est rapportee prete par le creancier, admettant ainsi au profit du demandeur une preuve qui ne lui ete preserve par la loi.[4]

Illi l-gurisprudenza posterjuri kompliet tikkonferma li kuntrarjament ghal-liġi Taljana id-debitur li jeċepixxi l-preskrizzjoni qasira jista':

(1) jew jghid li m'ghandux jaghti, kwindi l-ineżistenza tal-obbligazzjoni;

(2) jew li d-debitu gie mħallas kwindi l-estinzjoni tal-obbligazzjoni;

(3) jew li ma jiftakarx jekk hallasx jew le;

Dan ghaliex meta l-ligi Maltija tghid 'ma jistqarrux li mhumiex debituri' din qed taghmel riferenza kemm ghal estinzjoni tal-obbligazzjoni, kif ukoll ghan-non eżistenza tal-obbligazzjoni;[5]

Illi kien biżżejjed li l-konvenut stqarr li ma kienx jaf li kellu jaghti lill-attriċi; ghaliex **il-kliem tal-gurament m'hemmx ghalfejn ikun eżatt bhall-kliem tal-ligi:**

Che i termini del giuramento… non sono tali da non essere sostituite da altri equipollenti purche` non ne cambia il senso e la sostanza[6]

Gie ammonit iżda li :

"fil-kaz li d-debitur jaghzel li jahlef skond l-ewwel alternattiva, l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta jekk ma jahlifx li mhux debitur. Jekk hu jahlef li ma jafx li ghandu jaghti, il-gurament tieghu ma jiswiex biex isostni l-preskrizzjoni, ghax li ma jafux li l-haga ghadha dovuta jistghu jahilfu biss il-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew l-ohrajn li l-jeddijiet taghhom ikunu gejjin minn dik il-persuna".[7]

Matul iż-żmien minn ***Dimech v Mallia***, il-gurisprudenza żiedet dawn ir-riljievi:-

(1) **Imiss lill-parti li kontra taghha l-preskrizzjoni tigi eccepita li tiddeferixxi l-**

[3] 14 ta' Jannar, 2013 (Avviz Numru 18/12) fl-ismijiet Kinetix IT Solutions Limited vs Advanced Business Solutions Limited
[4] Cass. 1ere civ. 30 nov 1955: D. 1956, 115, iċċitata minn Laurent Leveneur, Code Civil 2017, paġna 1572
[5] ara Giuseppe Caruana v Paolo Borg – o5.10.1954 Vol. XXXVIII.iii.680 li tiċċita lil Pace Bonello v Bugeja Caruana - 27.03.1885 Vol X.775; lil Zahra v Zerafa – 01.06.1931 Vol XXVIII.93; lil Portelli Carbone v Varbara Vol XXI.i.200; u lil Giorgio Mifsud v Salvatore Sultana 16.09.1944 Vol XXXII.i.690
[6] Carmela Fenech v Gio Maria Bugeja 10.04.1926 XXVI.i.300
[7] Vincenzo Cauchi vs Giovanni Scerri, Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955

**gurament lill-eccipjent**. Jekk hi ma tiddeferrix il-gurament il-Qorti ma tistax tordnah ex officio.[8] Iżda xi sentenzi jgħidu bil-kontra għalkemm dawn jinstabu fil-minoranza.[9]

(2) Bhala regola generali d-dilazzjoni ta' dan il-gurament minhabba n-natura tieghu, **ghandha ssir wara li jkunu gew maghrufa l-kwestjonijiet jekk kienx hemm interruzzjoni jew sospensjoni jew rinunzja tal- preskrizzjoni li tkun giet eccepita**, u mhux qabel;[10]

(3) **Jekk l-attur jaghzel il-mezz tal-gurament u l- konvenut ikun halef skond il-ligi, l-attur ma jkunx jista' jaghzel mezz iehor**, **u huwa għalhekk li l-gurament jissejjah deciżorju**, billi meta l-kreditur jitlob li jinghata lid-debitur il-gurament, dan ifisser li hu qieghed jirritjeni bhala ammissibbli l-preskrizzjoni eccepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni taghha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-gurament. **B'dan il-mezz huwa jkun qieghed jirrimetti ruhu fil-kuxjenza tad-debitur** u effettivament pogga lid-debitur bhala l-imhallef tieghu**;**[11] l-ebda prova kuntrarja m'hi ammessa;[12] b'mod partikolari wara li jinghata l-gurament lanqas jista' l-kreditur iressaq prova tal-interruzzjoni jew sospensjoni u dan abbażi tal-prinċipju selecta una via non datur concursus ad alteram.;[13] fil-prattika ghalhekk il-gurament jithalla bhala l-ahhar prova ghaliex meta jideferih, il-kreditur ikun qieghed jammetti li l-preskrizzjoni hi opponibbli u li m'hemm l-ebda sospensjoni jew interruzjoni taghha[14]

(4) **Il-formula tal-gurament hi inalterabbli** u l-allegat kreditur **ma jistax joqghod jitlob spjegazzjonijiet ohra lill-konvenut**, bhal per ezempju il-kawza ta' l-estinzjoni, imma ghandu joqghod strettament ghall-formula tal-gurament, li ghal dik li jirrigwarda l- allegat debitur hi wahda jew l-ohra mit-tnejn specifikati fl-Artikolu 2265(1) (illum 2160(1)] Kodici Civili;[15] Ghalhekk il-konvenut "non e` obbligato per legge a specificare il modo del pagamento, ne` l'attore puo` da lui pretendere che un si o un no" [16] Il-kreditur ma jistax joqghod jaghmel domandi ohrajn, inkella d-disposizzjoni

---

[8] Diego Attard nomine vs Angelo Fenech Appell Kummercjali, 15 ta' Frar 1965; Giuseppe Fiorentino v Emmanuele D'Agostino 12.03.1951 Vol XXV.ii.68

[9] Carmelo Maniscalco v Caterina Abela 23.01.1935 Vol XXIX.ii.277

[10] Inginier Francesco M. Caruana vs Konti Francesco Sant Cassia et nomine Appell Civili, 11 ta' Ottubru, 1940;

[11] Antonio Borg v Giuseppe Lautier 26.05.1939 Vol XXX.ii.250; Francesco M. Caruana v Francesco Sant Cassia 11.10.1940 Vol XXX.i.542; Vincenzo Vella v. Carmela armla Sciberras Qorti Civili, Prim' Awla, 16 ta' Jannar, 1963; Salvatore Jacono vs Vincenza vedova Serra Appell Civili, 4 ta' Frar, 1927; Chief Government Medical Officer v Giorgina Muscat 08.03.1978 (mhux ippubblikata) li ccitat lil Bianchi v Guzman 30.10.1872 Vol VI.310

[12] Filippo Buttigieg v Domenico Azzopardi 11.12.1947 Vol XXXIII.ii.164 Giuseppe Bugeja v Giorgio Zammit 27.05.1938 Vol XXX.i.645

[13] Hilda Bartolo v Giuseppina Zammit 13.01.1953 Vol XXXVII.i.626

[14] Alfredo Goggi v Edoardo Rizo 31.08.1939 Vol XXX.i.958

[15] Tabib Principali tal-Gvern vs Giorgina Muscat Appell Inferjuri, 8 ta' Marzu 1978. Ara wkoll Francis Xavier sive Mose Aquilina vs Emanuel Aquilina nomine et, Prim'Awla, 14 ta' Dicembru, 2001; FX Borg Furniture Limited vs Sandro Galea, Prim'Awla, 7 ta' April, 1998.

tal-ligi tista' facilment tigi eluża u vjolat il-fondament tal-preskrizzjoni.[17]

(5) **il-Qorti ma tistax tindahal f'jekk ir-raġunijiet migjuba mid-debitur humiex tajba jew le**.[18]

***L-emendi ghall-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili***

**Originarjament, it-test Malti tal-Artikolu 2160 (Art. 2265 tal-Kap 23 l-antik) kien jaqra hekk:**

**2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, **meta jinghata lilhom il-gurament** ma jagħtux ġurament ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haġa ġietx imhallsa.

(2) Jekk il-ġurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haġa ghandha tinghata.

**In segwitu tal-Att 1.2017:**

**2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, **ma jagħtux ġurament minn jeddhom** waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.

(2) Jekk il-ġurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l- jeddijiet taghhom ggejjin minghand dik il-persuna, il- preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-haga ghandha tinghata.

(3) Meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din **trid taghti raggunijiet** ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.

(4) Jekk fil-ggurament taghha parti tgħid li hija mhijiex debitur **minhabba l-moghdija taż-żmien**, din l-istqarrija ghandha titqies bhala ammissjoni tad-dejn u ghalhekk twaqqa' l-preskrizzjoni eċccepita.

[16] Ricci, Teoria delle Obbligazioni, Vol VII para 379
[17] Giuseppe Bugeja v Giorgio Zammit 27.05.1938 Vol XXX.i.645
[18] Dimech v Mallia 04.11.1873 Vol VI.650; Giovanni Camilleri v Arturo Cassar 12.06.1944 Vol XXXII.i.58

U x'kienet l-intenzjoni tal-legislatur b'din l-emenda? Minn dak li din il-Qorti irnexxielha tirricerka, waqt id-dibattitu fil-Kumitat Permanenti ghall-Kunsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Ligi, fis-seduta tal-20 ta' Dicembru 2016, Laqgha Numru 126 tat-Tnax-il Parlament, l-avukat Deborah Schembri, allura Segretarja Parlamentari stqarret skjettament hekk: "Din il-klawsola tittratta dwar it-tip ta' gurament li jittiehed u **qed telabora ftit fuq dak li digà jinsab fil-ligi**." Ma kien hemm l-ebda rimarki dwar din il-klawżola, li għhddiet *nemo contra u giet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.* L-emenda iżda ma kinitx qeghda sempliċiment telabora dak li kien jinstab fil-liġi, imma kienet qieghda, fil-prattika jekk mhux ukoll fid-dritt, thassar l-istitut tal-preskrizzjonijiet qosra billi tirrendi ghal kollox bla snien il-gurament deciżorju, u dan billi:

(1) il-gurament jiehdu l-eccipjent bilfors u mhux jaghżel li jiddeferihulu l-kreditur.

(2) id-debitur irid jagħti ragunijiet l-ghala jecepixxi li mhux debitur

M'hemmx ghalfejn jinghad li galadarba d-debitur jiġi kostrett jaghti r-ragunijiet qajla jithassar il-karattru deciżorju tal-ġurament u effettivament tiġi kkancellata l-preskrizzjoni; ma jistax jaghti bhala raġuni l-moghdija taż-żmien. Min-naha l-ohra, il-gurament ma baqax arma f'idejn il-kreditur li seta' jiddeciedi jekk jużahiex jew le.

Jidher li l-leġislatur kellu ripensament tant li fl-14 ta' Frar 2017, il-Kamra tad-Deputati ghaddiet Emenda oħra permezz tal-Att VII.2017 li in segwitu taghha, illum **l-Artikolu 2160 jaqra hekk:**

**2160.** (1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jecccepuhom, **ma jaghtux gguramet minn jeddhom** waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-haga gietx imhallsa.

(2) Jekk il-gurament jinghata mill-werrieta tal-persuna li taghha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn ohrajn li l-jeddijiet taghhom gejjin minghand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħagga ghandha tinghata.

(3) Fil-procceduri ghall-ggbir ta' debiti li ghalihom hemm referenza fil-**proviso ghall-artikolu 2156**, meta parti taghti gurament li hija mhijiex debitur, din **trid taghti ragunijiet** ghaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur.

Permezz ta' din l-emenda:

(1) il-gurament jiehdu l-eccipjent bilfors u mhux jaghżel li jiddeferihulu l-kreditur billi minn dan il-lat l-ewwel emenda baqghet l-istess

(2) tnehhiet il-htiega tal-ghoti tar-ragunijiet, ghajr f'ċerti kawżi li fihom il-Gvern ikun kreditur.

Il-liġi għalhekk daret ċirku tond ghal dak li kienet oriġinarjament – jew kważi; ghaliex ix-xelta ghall-ghoti tal-gurament, kif ghada kif qalet din il-Qorti, tnehhiet minn idejn il-kreditur u saret tassattiva. Din hija bidla radikali. Billi huwa l-debitur-konvenut li jrid jixhed, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ghandu jsir biss wara li jintemmu l-provi tal-kreditur-attur li allura jkollu kull opportunita` jressaq il-provi dwar l-ezistenza tal-kreditu, u kwalunkwe sospensjoni jew interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li l-gurament baqa' deċiżorju fis-sens biss li jimpunja l-kreditu pretiż iżda mhux ukoll is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perjodu tal-preskrizzjoni. Altrimenti jkun ippregudikat il-kreditur li ebda prova ma jkollu disponibbli jekk id-debitur jagħżel li jifruwixxi ruhu mill-gurament. Din żgur ma kinitx l-intenzjoni tal-leġislatur. Bir-rispett kollu lejn il-Leġislatur, kien ikun hafna ahjar li kieku l-gurament deċiżorju baqa' jigi deferit lid-debitur a xelta tal-kreditur, kif kienet il-ligi originarjament u ghal sekli shah.

***<u>Perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli</u>***

Illi l-**Artikolu 2148** jipprovdi li "l-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq tat-tmintax-il xahar:- (f) l-azzjonijiet ta' kull persuna ghall-kera ta' hwejjeg mobbli."

**Illi l-artikolu 2156** jipprovdi s-segwenti: "L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin: (f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku;"

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta vs Emanuel Grixti** ippronunzjata fl-10 ta' Jannar, 2007 **il-** Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) inghad li:- "Ibda biex qed jigi osservat illi l-preskrizzjoni sollevata a tenur ta' l-Artikolu 2148 (f) riferibilment "ghall-kera ta' hwejjeg mobbli" ma ticcentra xejn fil-kaz ta' azzjoni ghall-hlas bhal dak pretiz bl-avviz. Hawn si tratta ta' ghoti ta' servizz u l-fatt tal-meter rentals hu biss incidentali ghall-prestazzjoni ta' dak is-servizz. Ara in materja l-hsieb traccjat fis-sentenza fl-ismijiet **John Scicluna nomine -vs- Robert Spiteri**, Prim' Awla, Qorti Civili, 5 ta' Novembru 1992 anke jekk dak il-kaz mhux ezattament identiku, trattasi minn talba ghall-hlas tas- servizz tat-telephone;"

Illi fil-kaz odjern il-kreditu huwa wiehed naxxenti minn relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, liema kreditu la jirrizulta minn xi att pubbliku u lanqas ma jaqa' taht perjodu ta' preskrizzjoni iqsar, w ghalhekk il-kreditu pretiz mill-atturi huwa wiehed li jaqa' fil-parametri tal-krediti mahsubin fl-**artikolu 2156(f)** tal-Kap.16.

Illi stabilit dan il-fatt, u cioe' li l-perijodu preskrittiv huwa dak ta' hames snin, il-Qorti trid issa tezamina l-provi prodotti fid-dawl ta' din l-eccezzjoni. Jirrizulta mix-xhieda ta' Reuben Bonnici li l-kont inghalaq f'Lulju tas-sena 2005. L-ittra ufficjali gieipprezentata u notifikata fis-sena 2017 igifieri ferm wara li skada l-perjodu preskrittiv ta' hames snin. Is-socjeta` Automated Revenue Management Limited lanqas ma allegat li l-perjodu ta' preskrizzjoni gie sospiz jew interrot b'xi mod iehor;

***Deċiżorjeta` tal-gurament mehud minn Sergio Camilleri***

Illi Sergio Camilleri, in rappreżentanza ta' Topcar Limited, ta' x-xhieda tieghu bil-gurament fejn stqarr li m'ghandu x'jaghti xejn lis-socjeta` Automated Revenue Management Limited. Stqarrija din li tissodisfa l-vot tal-Artikolu 2016. Huwa iżda mar oltre u ta' raguni l-ghala jahseb hekk: il-fatt li ffirmaw il-formola tat-trasferiment kemm hu kif ukoll il-konsumatur il-gdid tal-post in kwistjoni u li din il-formola inghatat lis-service provider, dak iż-żmien il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Fil-fehma tal-Qorti, galadarba cahad li ghandu jaghti, il-konvenut issodisfa l-vot tal-liġi u pprova l-eccezzjoni tieghu tal-preskrizzjoni, independentement mir-raġuni li ghogbu jaghti minn jeddu. U l-Qorti tista' tieqaf hawn.

***Kunsiderazzjonijiet fil-mertu***

Illi b'danakollu, din il-Qorti tixtieq tenfasizza kieku, *gratia argomenti*, kellha tqis din ir-raguni, kienet issibha wahda valida. L-abbli difensur tas-soċjeta` Automated Revenue Management Limited fin-nota tas-sottomissjonijiet responsiva, issottometta li mhux biżżejjed tigi ffirmata t-transfer form, ghax din trid tigi accettata mis-service provider; li jista' jkollux raguni biex jirrifjutaha, minhabba per ezempju li l-kont ma jkunx thallas. Eppure f'dan il-każ ma gieb l-ebda raguni valida l-ghala s-service provider kellu jirrifjuta l-kunsens tieghu għat-trasferiment. Zgur li ma kienx il-każ li kien hemm xi kontijiet pendent fid-data tat-talba ghal trasferiment ghax sa dakinhar il-kontijiet kienu kollha jithallsu regolarment. Fil-fehma ta' din il-Qorti, jekk il-principju bażiku li l-obbligazzjonijiet ghandhom jitwettqu in bona fede jsarraf xi haga, jekk effettivament ma sarx trasferiment tal-kont, is-service provider kellu jġib hu quddiem il-Qorti raġuni valida l-ghala naqas li jeffettwa t-trasferiment.

**Decide:**

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat in-noti ta' sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tiddikjara li l-azzjoni ta' Automated Revenue Management Limited tinstab preskritta a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi l-kaz billi tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta` intimata; tilqa' t-talba rikorrenti u ghalhekk tiddikjara t-talba fil-konfront taghha fl-Ittra Ufficjali datata 23 ta' Frar 2017 bhala infondata fil-fatt u fid-dritt. Spejjeż kollha tal-proceduri odjerni a kariku tas-socjeta` intimata.

Magistrat Grazio Mercieca